# QORTI ĊIVILI
## (SEZZJONI TAL-IRKUPRU TAL-ASSI)
Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 26 ta' Ġunju 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 1/2025 HM**

## Carmen Borg

**v**

## Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

**Fil-qosor**

1. F'din il-kawża r-rikorrenti qiegħda titlob sabiex, bit-tħaddim tal-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101, din il-qorti tħassar u tirrevoka l-Ordni ta' Konfiska li nħarġet mill-Qorti tal-Maġistrati (bħala qorti ta' ġudikatura kriminali) wara li r-rikorrenti instabet ħatja ta' xi reati. Però f'din id-deċiżjoni mhux ser ikun qiegħed jiġi ddeterminat jekk it-talba tar-rikorrenti għat-tħassir tal-Ordni ta' Konfiska hijiex ġustifikata u jekk għandhiex tintlaqa'.

2. Din id-deċiżjoni tikkonċerna biss l-ewwel eċċezzjoni mressqa mid-Direttur tal-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi (id-'Direttur'). Id-Direttur jeċepixxi li r-rikorrenti ma tistax teżerċita l-azzjoni disponibbli skont l-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 għaliex ir-reġim legali applikabbli huwa dak previst fl-artikolu 38 tal-Kap. 621 u mhux dak invokat mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti

twieġeb li wieħed mir-reati li nstabet ħatja tagħhom huwa reat kontra l-Kap. 101 u għalhekk tiskatta l-applikabbilità tal-Kap. 101.

**Akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati**

3. Fis-26 ta' Settembru 2023, ir-rikorrenti Carmela sive Carmen Borg tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja, fejn ġiet akkużata li bejn l-2014 u l-2020, hija:-

   a. wettqet atti ta' *money laundering*;

   b. wettqet kummerċ bankarju jew ta' ħruġ ta' flus f'Malta jew minn Malta meta ma kinitx kumpanija liċenzjata mill-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

   c. wettqet kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta meta ma kinitx kumpanija liċenzjata mill-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji u dana billi nnegozjat fi strumenti ta' swieq finanzjarju u fi strumenti oħra finanzjarji li jistgħu jiġu trasferiti; u

   d. sabiex tikseb xi vantaġġ għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika u kwalunkwe awtoritajiet oħra (anke jekk mhux awtoritajiet pubbliċi), u dan billi naqset milli tiddikjara l-qliegħ tagħha mal-Kummissarju tat-taxxa u/jew entitajiet oħra.[1]

4. Skont il-Prosekuzzjoni, l-akkużata kienet qiegħda toffri li ssarraf iċ-ċekkijiet ta' terzi persuni li kienu jqabbdu lilha minflok immorru jsarrfuhom f'bank. L-akkużata kienet allegatament tieħu dawn iċ-ċekkijiet, tiddepożitahom f'kont bankarju f'isimha u imbagħad tiġbidhom fi flus kontanti għat-tali terzi persuni. Ta' dan is-servizz, l-akkużata kienet iżomm bejn €2 sa €20 fuq kull ċekk (skont il-valur tiegħu). F'xi okkażjonijiet l-akkużata

[1] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tat-30 ta' Ottubru 2024, fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmela sive Carmen Borg' (575/2023), f'paġni 9-21.

offriet is-servizz għall-ħlas ta' 1% tal-valur taċ-ċekk, mentri f'okkażjonijiet oħra hija offriet is-servizz bi tpartit ma' xi servizzi jew anke b'xejn. Is-sinjura Borg kienet toffri dan is-servizz mid-dar tagħha, mill-garaxx biswit id-dar tagħha jew mill-ħanut li kellha f'Ħal Qormi.

5. L-akkużata ma kellha ebda reġistrazzjoni mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA); ma kinitx liċenzjata bħala istituzzjoni finanzjarja u lanqas ma kienet isservi bħala direttur għal xi istituzzjoni bħat-tali. B'mod simili, ma kinitx liċenzjata mal-Banking Provision Department fi ħdan l-istess Awtorità u lanqas ma kellha xi liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ.

6. Il-Prosekuzzjoni qalet li b'kollox fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020, is-sinjura Borg iddepożitat 4903 ċekk b'valur globali ta' €2,095,410.26.[2] Wara li tkellmet ma' 33 persuna li allegatament użaw dan is-servizz, il-Prosekuzzjoni kkalkulat li bħala *average*, l-akkużata kienet iżżomm €7.50 fuq kull ċekk. B'hekk, meħud kont tat-total ta' 4903 ċekk li hija ddepożitat, ġie kkalkulat li hija għamlet qliegħ ta' €36,772.50.[3]

**Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati**

7. Fis-26 ta' Settembru 2023, l-akkużata wieġbet li m'hijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Dakinhar, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni biex toħroġ ordni ta' qbid u iffriżar taħt l-artikolu 5 tal-Kap. 373, l-artikolu 23A tal-Kap. 9 u l-artikolu 36 tal-Kap. 621, sabiex tissekwestra u/jew iżżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li kienu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-akkużata jew li kienu proprjetà tagħha, kif ukoll sabiex tipprojbixxi lill-akkużata milli tittrasferixxi, twiegħed, tipoteka jew ibiddel jew tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li

[2] Mill-investigazzjonijiet imwettqa rriżulta li s-sinjura Borg iddepożitat: (a) 2060 ċekk b'valur komplessiv ta' €1,243,151.19 fil-Bank of Valletta plc bejn l-2014 u l-2020; (b) 2403 ċekk bl-ammont kumplessiv ta' €722,270.39 f'kont mal-HSBC Bank plc bejn l-2014 u l-2020; (ċ) 323 ċekk b'valur kumplessiv ta' €87,035.58 f'kont ieħor mal-HSBC Bank plc bejn Awwissu 2005 u 2018; u (d) 117 ċekk b'valur komplessiv ta' €42,944.10 f'kont ieħor mal-HSBC Bank plc bejn 31 ta' Jannar 2018 u 22 ta' Mejju 2018.

[3] [3] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tat-30 ta' Ottubru 2024, fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmela sive Carmen Borg' (575/2023), f'paġni 9-21.

kienet proprjetà tagħha jew inkella miżmuma minnha (l-'Ordni ta' Qbid u Iffriżar'). Fuq talba tal-akkużata, fl-24 ta' April 2024, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar tibda tiġi regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Att VI tal-2024.

8. Fit-22 ta' Lulju 2024, l-Avukat Ġenerali ordnat li l-akkużi jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (bħala qorti ta' ġudikatura kriminali). Peress li l-akkużata m'oġġezzjonatx għal dan, il-kawża kompliet tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (bħala qorti ta' ġudikatura kriminali) (minn hawn 'il quddiem il-'Qorti tal-Maġistrati').

9. Fit-22 ta' Lulju 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ressqu rikors konġunt skont l-artikolu 392A(5) tal-Kap. 9, fejn indikaw il-piena li fil-fehma tagħhom kienet idoneja fl-eventwalità ta' ammissjoni ta' ħtija da parti tal-akkużata. Wara li, fit-30 ta' Settembru 2024, l-akkużata rreġistrat ammissjoni volontarja u inkondizzjonata għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha, il-partijiet talbu lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tagħti s-sentenza tagħha fuq dak li ġie indikat minnhom fir-rikors tat-22 ta' Lulju 2024.

10. B'nota li saret skont l-artikolu 36(4)(b)(i) tal-Kap. 621 fit-22 ta' Lulju 2024, il-Prosekuzzjoni indikat is-somma ta' €37,000 bħala proprjetà soġġetta għall-konfiska, liema somma ġiet imsejsa fuq il-qliegħ li l-Prosekuzzjoni kkalkulat li sar mill-imputata b'riżultat tal-attività kriminali (ara paragrafu 6). Fid-9 ta' Ottubru 2024, l-imputata ppreżentat nota sabiex tindika li kienet qiegħda toġġezzjona għall-ammont indikat mill-Prosekuzzjoni. Fil-fehma tagħha, dan l-ammont kien ibbażat fuq konġetturi u ipoteżijiet u mhux fuq provi konkreti. Il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dan fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2024.[4]

## Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

11. Fis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2024,[5] il-Qorti tal-Maġistrati sabet lis-sinjura Borg ħatja tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u kkundannatha għal piena ta' sentejn (2) priġunerija

[4] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tat-30 ta' Ottubru 2024, fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmela sive Carmen Borg' (575/2023), f'paġni 9-21.
[5] *Ibid.*

li, b'ordni li l-Qorti tal-Maġistrati ħarġet skont l-artikolu 28A tal-Kap. 9, ma kellhiex tidħol fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza, is-sinjura Borg tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u għal multa ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Maġistrati ħarġet ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 38 tal-Kap. 621 għall-konfiska tas-somma ta' €24,515 (l-'Ordni ta' Konfiska').[6]

**Kawża tal-lum**

12. Fis-17 ta' Jannar 2025, ir-rikorrenti ressqet rikors quddiem din il-Qorti, fejn allegat li "s-somma konfiskata ta' erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u ħmistax-il Ewro (€24,515) m'hijiex frott ta' attivita' kriminali." Skont ma tgħid, "l-Ewwel Qorti ma setatx tordna il-konfiska tal-erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u ħmistax-il Ewro (€24,515) peress li insegwitu tal-Ordni tal-Ifrizar ma nstab l-ebda flus gewwa l-bank u l-Qorti ma setatx tikkonfiska flejjes inezistenti."[7]

13. Ir-rikorrenti b'hekk talbet lil din il-qorti sabiex:-[8]

> Prevja li tiddikjara, ai termini tal-Artikolu 22Ċ tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li s-somma konfiskata ta' erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u ħmistax-il Ewro (€24,515) m'hijiex provenjenti minn xi attivita' kriminali, u prevja li tiddikjara li l-Qorti ma setghetx tikkonfiska somma flus inezistenti, thassar u tirevoka l-Ordni tal-Konfiska moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-30 ta' Ottubru, 2024.

14. Fir-risposta tas-6 ta' Far 2025, l-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi eċċepixxa dan li ġej:-[9]

> i. Preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi n-nullità tal-azzjoni odjerna, u dan għas-segwenti raġunijiet:
>
> a) L-ewwel nett, minn ħarsa lejn l-unika talba magħmula mir-rikorrent, l-azzjoni odjerna hi msejsa fuq l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 li hija l-proċedura speċjali wara ordni ta' konfiska fejn persuna

[6] Il-Qorti tal-Maġistrati m'ordnatx il-konfiska ta' €37,000 kif ġie mitlub mill-Prosekuzzjoni għaliex skont ma qalet, it-tali somma ma kinitx tirrappreżenta l-qliegħ li l-imputata għamlet b'riżultat tar-reati li nstabet ħatja tagħhom. Peress li kien hemm numru ta' ċekkijiet li ħallew rikavat ta' €2 jew €3 u numru ta' ċekkijiet li ma ħallew ebda rikavat, il-Qorti tal-Maġistrati ma ħassitx li kien ikun ekwu li tittieħed ir-rata medja ta' €7.50 fuq kull ċekk, kif xtaqet il-Prosekuzzjoni. Minflok hija wżat ir-rata medja ta' €5, li fil-fehma tagħha kienet tirrispekkja aktar mill-qrib ir-rikavat li bbenefikat minnu l-akkużata. Wara li din ġiet immultiplikata bil-valur ta' 4903 rappreżentanti n-numru ta' ċekkijiet, hija waslet għas-somma ta' €24,515; li skont il-Qorti tal-Maġistrati kienet tammonta għar-rikavat mill-kriminalità.

[7] Ara r-rikors ta' Carmen Borg tas-17 ta' Jannar 2025, f'paġni 1-4.

[8] Ibid.

[9] Ara r-risposta tad-Direttur tas-6 ta' Frar 2025, f'paġni 6-8.

tiġi misjuba ta' reati kontemplati f dik l-ordinanza. Ir-rikorrenti ma ġietx misjuba ħatja ta' reati kontra dik l-ordinanza u għalhekk ma tistax tinvokah.

b) B'żieda mas-suespost, billi r-reġim legali applikabbli kien dak introdott mill-Att VI tal-2024, l-ordni ta' konfiska odjerna nħarġet ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kap. 621. Aspett fundamentali ta' dawn l-emendi kien li l-konfiska tiġi kompletament determinata mill-qrati ta' kompetenza kriminali, u jiġi eliminat għal kollox il-kunċett li jinfetħu proċeduri ċivili biex tiġi attakkata konfiska. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlitha ċara li l-konfiska kienet qiegħda tiġi ordnata a tenur tal-Artikolu 38 tal-Kap. 621 u għalhekk ir-rikorrenti kellha ssegwi d-dispost ta' dak l-artikolu billi tappella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jekk ma qablitx mal-ordni li tiġi kkonfiskata l-imsemmija somma. Fil-fatt, l-Artikolu 38(5) espliċitament jipprovdi li l-ordni ta' konfiska tista' tiġi appellata flimkien mas-sejbien ta' ħtija u l-piena mogħtija, ħaġa li, f dan il-każ, ir-rikorrenti ma għamlitx. Din l-Onorabbli Qorti għalhekk ma għandhiex ġurisdizzjoni jew is-setgħa li tiddeċiedi jekk is-somma konfiskata hijiex provenjenti minn xi attività kriminali u lanqas tista tħassar u tirrevoka l-Ordni tal-Konfiska. Tali kwistjonijiet kellhom jitqajmu u jiġu deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

c) Apparti minn hekk, l-Artikolu 38 imkien ma jgħid li jistgħu jinfetħu proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti mill-persuna misjuba ħatja biex tattakka konfiska (u dan kuntrarjament għal dak prospettat fl-Artikolu 39 li jħalli terz jattakka ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska li qed tolqot il-proprjetà tiegħu).

Għalhekk, ir-rikorrenti fetħet azzjoni li qatt ma kienet applikabbli għaliha u konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tagħha.

ii. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba kif postulata mir-rikorrenti hi legalment infondata wkoll. Anke kieku għas-saħħa tal-argument l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. l 01 kien applikabbli (u lesponent irid jerġa' jemfasizza li dan assolutament mhux il-każ), din it-tip ta' azzjoni tista' sseħħ biss wara ordni ta' konfiska tkun saret ai termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101, ossia meta qorti ta' kompetenza kriminali tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha (flejjes, mobbli u immobbli) tal-persuna misjuba ħatja favur il-Gvern ta' Malta. Fil-każ odjern, dan ma sarx, iżda saret biss ordni ta' konfiska ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kap. 621 fejn ġie speċifikat ammont mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

iii. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke fejn fit-talba tagħha r-rikorrenti targumenta li "l-Qorti [tal-Maġistrati] ma setgħetx tikkonfiska somma flus ineżistenti" hi legalment żbaljata billi l-Artikolu 38(4) tal-Kap. 621 jistipula jekk proprjetà tanġibbli ma tiġix assoġġettata għall-konfiska, il-qorti tista' tordna l-konfiska ta' somma flus li tkun ekwivalenti għall-valur tal-proprjetà li ma tkunx disponibbli. Ma hemm ebda kwistjoni dwar jekk somma flus hijiex "eżistenti" jew le. Il-Qorti tal-Maġistrati ddeterminat li kien hemm ammont ta' flus li jridu jitqiesu bħala rikavat mill-kriminalità, u għalhekk ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' konfiska biex, kif jipprospetta l-imsemmi Artikolu 38(4), tali ordni tkun tista' tiġi eżegwita fil-konfront ta' proprjetà oħra li r-rikorrenti għandha, jew jista' jkollha.

iv. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

v. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

vi. Bl-ispejjeż.

15. Fid-9 ta’ Mejju 2025, il-kawża tħalliet għal deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tal-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi (minn hawn ‘il quddiem id-‘Direttur’), u dana wara li l-partijiet ingħataw l-opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dan.

**L-ewwel eċċezzjoni**

*Sottomissjonijiet tal-partijiet*

16. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, id-Direttur qiegħed jeċepixxi l-inapplikabbilità tal-azzjoni li qiegħda tipprova teżerċita r-rikorrenti. Id-Direttur jissottometti li l-azzjoni għar-rilaxx ta' proprjetà konfiskata, prevista fl-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101, tista' tiġi eżerċitata biss meta l-proprjetà tkun ġiet ikkonfiskata b'ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d). It-tali ordni tista' tinħareġ mas-sejbien ta' ħtija ta' xi wieħed mir-reati taħt l-artikolu 24A(1) u tapplika fuq "kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra" u fuq il-"proprjetà immobbli oħra kollha tal-persuna misjuba ħatja." Id-Direttur isostni li r-reati li tagħhom instabet ħatja r-rikorrenti m'humiex reati taħt l-artikolu 24A(1) u li, lanqas li kieku, l-Ordni ta' Konfiska ma nħarġitx fuq il-proprjetà mobbli u immobbli kollha tar-rikorrenti iżda speċifikament fuq is-somma ta' €24,515.

17. Skont id-Direttur, dan ifisser li l-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 m'huwiex applikabbli u li r-reġim legali applikabbli huwa dak taħt l-artikolu 38 tal-Kap. 621. Peress li l-artikolu 38 tal-Kap. 621 ma jikkontemplax dritt t'azzjoni quddiem din il-qorti, u jipprefiġġi minflok li l-appell tal-persuna misjuba ħatja minn ordni ta' konfiska jinstema' mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax treġi.[10]

18. Ir-rikorrenti twieġeb li l-Kap. 101 huwa fil-fatt applikabbli għaliex wieħed mir-reati li nstabet ħatja tagħhom, huwa reat kontra l-Ordinanza. Hija targumenta li m'hemm xejn li jipprekludi l-applikabbilità taż-żewġ artikoli ġaladarba d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 101 baqgħu fis-seħħ u ma ġewx abrogati jew revokati bl-Att VI tal-2024. Skont ma tgħid, bl-Att VI tal-2024, "kull ma ġara huwa li l-akkużat ingħata d-dritt addizzjonali li jikkontesta pendenti proċeduri kriminali l-quantum tal-assi ffriżati, ħaġa li l-istess imputat ma setax jagħmel preċedentament. Dan però ma jfissirx li wara li jkun hemm ġudizzju finali dak l-ammont jew ammont verjuri jiġi kkonfiskat li dak li jkun ma jistax jadixxi din l-Onorabbli

[10] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur f'paġni 27-30.

Qorti fit-termini tal-leġislazzjoni su-imsemmija u dan essendo li dik il-leġislazzjoni qatt ma ġiet abrogata."[11]

*Analiżi tal-Qorti*

19. Għandu jiġi ddeterminat jekk, fl-ewwel lok, l-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 huwiex applikabbli għall-Ordni ta' Konfiska li nħarġet kontra r-rikorrenti. Fl-affermattiv, għandu jiġi ddeterminat jekk, kif issostni r-rikorrenti, dan l-artikolu jistax jiġi applikat id f'id mal-artikolu 38 tal-Kap. 621, jew inkella jekk l-applikabbilità tal-ewwel teskludiex l-applikabbilità tat-tieni.

**Jekk huwiex applikabbli l-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101**

*L-Ordni ta' Konfiska*

20. Kif jinnota d-Direttur, l-Ordni ta' Konfiska ma nħarġitx bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 101; iżda nħareġ "bl-applikazzjoni tal-Artikolu 38 tal-Att dwar Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta." Il-Qorti tal-Maġistrati ma tagħmel l-ebda aċċenn għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 101 fis-sentenza tagħha. Lanqas ma sar aċċenn għat-tali dispożizzjonijiet fiċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-sinjura Borg tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja fis-26 ta' Settembru 2023.[12]

21. Kif jgħid id-Direttur, la darba l-Ordni ta' Konfiska inħarġet, b'mod espliċitu u esklussiv, skont l-artikolu 38 ta' Kap. 621 u mhux taħt il-Kap. 101, isegwi li l-Kap. 101, inkluż naturalment l-artikolu 22Ċ tiegħu, ma japplikax sakemm ma hemm xejn fil-Kap. 621 jew fil-Kap. 101 li jagħmel dan ta' l-aħħar, u b'mod partikolari l-artikolu 22Ċ, applikabbli. Kif ser naraw, dan mhux il-każ.

---

[11] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet ta' Carmen Borg f'paġna 25.

[12] F'din iċ-ċitazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja ġiet mitluba sabiex tordna l-konfiska tar-"rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjetà' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għal-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll tal-proprjetà' kollha tal-imputata fit-termini tal-artikolu 3(5) tal-Kap. 373 kif ukoll artikoli 23 u 23B tal-kodiċi Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-ligijiet ta' Malta."

*Ir-reati ma jaqgħux taħt l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101*

22. L-artikolu 22Ċ jipprovdi dritt t'azzjoni lill-persuna misjuba ħatja u lit-terza persuna msemmija fl-artikolu 22(3A)(d), sabiex tottjeni "dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt" il-Kap. 101, "lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk."

23. Sabiex tiskatta l-applikabbilità tal-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101, jeħtieġ li l-Ordni ta' Konfiska tkun tikkonsisti f'"ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d)":-

> 22Ċ.(1) Meta jkun sar **ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d)** ta, il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk. [enfasi miżjuda]

24. Issa l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 jikkonċerna l-ordni ta' konfiska li jinħareġ meta persuna tkun instabet ħatja ta' "xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1)":-

> (3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja ikun **xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1)** il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –
>
> (d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta. [enfasi miżjuda]

25. Ir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1), li jġibu magħhom l-possibbiltà li tinħareġ ordni ta' konfiska skont l-artikolu 22(3A)(d) u l-applikabbilità tar-rimedju fl-artikolu 22Ċ invokat mir-rikorrenti, huma dawn li ġejjin:-

 25.1. Il-bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 101;

 25.2. Ir-reat imsemmi fl-artikolu 22(1)(f) jew fl-artikolu 22(1)(e) –

a. L-artikolu 22(1)(f) jsemmi r-reat li wieħed "jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."

b. L-artikolu 22(1)(e) jsemmi r-reat "li bħala ċittadin jew residenti permanenti ta' Malta, wieħed iwettaq f'xi post barra minn Malta ix ħaġa li kieku mwettqa f'Malta tkun tikkostitwixxi l-assoċjazzjoni li għadha kif ġiet imsemmija, ir-reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra l-Kap. 101."

25.3. Ir-reat imsemmi fl-artikolu 22(1)(d) b'riferenza għal xi reat imsemmi fil-paragrafi ta' qabel dan – cioè dak li wieħed:-

> "f'Malta jgħin, iħajjar, jagħti parir jew ifittex biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jagħmel tali reat, jew jagħmel xi ħaġa biex iħejji jew jiffaċilita xi att li, li kieku jsir f'Malta ikun reat kontra din l-Ordinanza."

25.4. Ir-reat imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ), li jistabbilixxi bħala reat kontra l-Kap. 101, li persuna:-

> "tuża, tittrasferixxi l-pussess ta', tibgħat jew tikkonsenja lil xi persuna jew post, takkwista, tirċievi, iżżomm, tittrasporta, tittrasmetti, toltera, tiddisponi minn jew b'xi mod ieħor tinnegozja, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà(kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u tkun taf jew ikollha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' –

(i) l-għemil ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1)[13] jew fis-subartikolu (1D)(a)[14] jew fis-subartikolu (1E)[15];jew

(ii) xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra minn dawn il-Gżejjer li jekk isir f'dawn il-Gżejjer ikun jikkostitwixxi reat taħt is-subartikolu (1) jew is-subartikolu (1D)(a)."

25.5. Ir-reat ta' pussess ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 101 taħt dawk iċ-ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati.

26. Ir-rikorrenti tallega li r-reat ta' *money laundering* li nstabet ħatja tiegħu jaqa' taħt l-artikolu 22(1Ċ) li ssemma fost ir-reati fl-artikolu 24A. Id-Direttur iwieġeb li għalkemm ir-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu jikkontjeni ħafna mill-elementi tal-ħasil tal-flus, dan ir-reat japplika biss meta r-rikavat ikun derivanti minn reati kontra l-Ordinanza; li m'huwiex il-każ hawn.

27. F'dan ir-rigward, il-qorti tibda billi tinnota li l-artikoli li tagħhom instabet ħatja ġew indikati fil-parti deċiżiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ġew imsejsa fuq l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Lulju 2024. Dawn huma: "l-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B,

[13] Artikolu 22(1) jipprovdi:- "*Kull min - (a) jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; jew (b) jikser jew jonqos li jesegwixxi l-kondizzjonijiet ta'liċenzja jew permess maħruġin jew ta' awtorizzazzjoni mogħtija taħt jew skont din l-Ordinanza; jew (ċ) sabiex jottjeni, għalih jew għal ħaddieħor, il-ħruġ, il-konċessjoni jew it-tiġdid ta' liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni kif jingħad hawn fuq, jagħmel dikjarazzjoni jew rapport li jkunu foloz f'xi partikolarità, jew xjentement jagħti, jipproduċi jew jagħmel użu minn dikjarazzjoni jew rapport jew dokument li jkun fihom partikolarità falza; jew(d) f'Malta jgħin, iħajjar, jagħti parir jew ifittex biex jiġi magħmul f'post barra minn Malta reat li għalih hemm piena skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jagħmel tali reat, jew jagħmel xi ħaġa biex iħejji jew jiffaċilita xi att li, li kieku jsir f'Malta ikun reat kontra din l-Ordinanza; jew(e) tkun ċittadin ta' Malta jew resident permanenti f'Malta, li f'xi post barra minn Malta jagħmel xi ħaġa li jekk issir f'Malta tikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza jew reat taħt il-paragrafu(f); jew(f) jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni, ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza.*"

[14] Artikolu 22(1D)(a) jiddisponi:- "*Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk tbiegħ jew xort'oħra tittraffika f'sustanza msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza meta tkun taf jew ikollha suspett illi s-sustanza tkun sejra tintuża fi jew għall-produzzjoni ta'mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; u t-tifsira ta' "jittraffika" fis-subartikolu (1B) għandha tapplika, mutatis mutandis, għal dan is-subartikolu.*"

[15] Artikolu 22((1E) jiddisponi:- "*Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk timmanifattura, tittrasporta jew tqassam xi tagħmir jew materjali meta tkun taf li dawn ikunu sejrin jintużaw għall-koltivazzjoni, produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u kull għemil projbit taħt dan is-subartikolu għandu għall-finijiet ta' din l-Ordinanza jitqies li jkun jikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza.*"

23Ċ, 31, 188(1) u 533 tal-Kodiċi Kirminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-Artikoli 2 u 3 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta; l- Artikoli 2(1)(2), 5, 35(1)(e)(2)(3) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 2, 3(1)(1A), 22(1)(f),(3)(4) u l-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376 tal- Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) u l-Ewwel Skeda tar-Regolament dwar Pieni u Penali għal Reati (Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 376.02)."

28. Minn dan joħroġ li r-reat ta' ħasil ta' flus li tiegħu r-rikorrenti nstabet ħatja kien dak imsemmi fl-"Artikoli 2 u 3 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta," u mhux dak imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ) tal-Kap. 101 invokat mir-rikorrenti.

29. Fil-fatt, kif jargumenta d-Direttur, l-artikolu 22(1Ċ) ma jikkontemplax ir-reat ġenerali ta' *money laundering* li huwa previst fil-Kap. 373. Biex jissussisti r-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu, il-flus, il-proprjetà (kemm mobbli jew immobbli) jew ir-rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà, li jkunu ntużati fir-reat ta' *money laundering* jridu jkunu ġew miksuba jew riċevuti direttament jew indirettament bħala riżultat tar-reat imsemmi fl-artikolu 22(1), 22(1D)(a), 22(1E), kemm jekk imwettaq f'Malta kif ukoll jekk imwettaq f'xi post barra minn dawk il-Gżejjer. Dawn l-artikoli jikkonċernaw il-ksur jew in-nuqqas t'osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, inkluż il-bejgħ jew traffikar ta' mediċini jew sustanzi, il-ksur ta' kondizzjonijiet ta' liċenzji, permessi, awtorizzazzjonijiet mogħtija taħt jew skont il-Kap. 101 u l-manifattura, it-trasport jew it-tqassim ta' tagħmir jew materjali li jkunu ser jintużaw għall-kultivazzjoni, produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra l-Kap. 101.

30. M'hemm xejn li jindika li dan kien il-każ hawn u kif diġà ngħad, ir-reat ta' *money laundering* li nstabet ħatja tiegħu r-rikorrenti kien dak taħt il-Kap. 373.

*Is-setgħa tal-qorti biex tqis l-azzjoni*

31. B'hekk, jirriżulta li l-Ordni ta' Konfiska nħarġet b'applikazzjoni tal-artikolu 38 tal-Kap. 621 u li r-reati li nstabet ħatja tagħhom ir-rikorrenti m'humiex reati msemmija fl-artikolu 24A(1) speċifikament fl-artikolu 22(1Ċ) tal-Kap. 101. Konsegwentement ma jistax jingħad

li l-Ordni ta’ Konfiska huwa wieħed taħt l-artikolu 22(3A)(d) u li tista’ tiġi eżerċitata l-azzjoni prevista fl-artikolu 22Ċ.

32. Qabel l-emendi introdotti bl-Att VI tal-2024, din il-qorti kienet tisma’ applikazzjonijiet mid-Direttur u tiddetermina liema proprjetà kienet soġġetta għall konfiska, inkluż l-ammont tar-rikavat mill-kriminalità mwettaq mill-persuna misjuba ħatja. Bl-emendi għall-artikolu 38 introdotti bl-Att VI tal-2024, it-tali determinazzjoni saret ir-responsabbiltà tal-qrati b’kompetenza kriminali u fejn jidħlu l-ordnijiet ta’ konfiska, il-kompetenza ta’ din il-qorti ġiet limitata għall-kontestazzjonijiet li jistgħu jsiru minn terzi persuni taħt l-artikolu 39. Skont l-artikolu 38(5) tal-Kap. 621, l-ordni ta’ konfiska tista’ tiġi appellata mill-persuna misjuba ħatja “flimkien mal-appell mis-sejbien ta’ ħtija u mis-sentenza.”

33. Għal kull buon fini, l-Att kontra *Money Laundering* (il-Kap. 373) li, kif issemma, nstabet ħatja tiegħu r-rikorrenti, kien jipprovdi proċedura simili ħafna għal dik disposta fl-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101. Fil-fatt, qabel l-emendi tal-Att VI tal-2024, l-artikolu 7 tal-Kap. 373 kien jipprovdi dritt t’azzjoni lill-“persuna misjuba ħatja u kull persuna oħra li jkollha interess,” quddiem din il-qorti bl-iskop li din tikseb “dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata” skont ordni ta’ konfiska taħt l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, “ma tkunx profitti jew dħul minn ksur tal-artikolu 3 jew b’xi mod ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta’ money laundering, u lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ profitti jew dħul bħal dawk.”

34. Iżda wara d-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024, l-artikolu 7 tal-Kap. 373 ġie emendat u issa jipprovdi li d-“determinazzjoni ta’ kwalunkwe proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska skont l-artikolu 3(5)” u anke d-“determinazzjoni tad-drittijiet ta’ partijiet terzi fuq dik il-proprjetà” għandhom jiġu rregolati mill-“artikoli 38 u 39 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.”

35. Skont l-artikolu 32(5) tal-Att VI tal-2024, li hija dispożizzjoni tranżitorja, kemm l-emendi taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 373 kif ukoll l-emendi taħt l-artikolu 38 tal-Kap. 621, kellhom japplikaw “għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali kollha inklużi ukoll dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att” ħlief għal dawk li fit-tali data “ikunu

mħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza." L-Att VI tal-2024 daħal fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2024, meta l-kawża kienet għadha pendenti u ma kinitx imħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza. Dan ifisser li skont l-artikolu 32(5) tal-Att VI tal-2024, l-emendi fl-Att VI tal-2024 japplikaw fil-konfront tal-akkużata.

36. B'hekk, qiegħed jiġi konkluż li ma kien hemm l-ebda possibbiltà għas-sinjura Borg li taġixxi quddiem din il-qorti bl-użu tal-artikolu 7 tal-Kap. 373 minflok tal-artikolu 22Ċ tal-Kap. 101, jew taħt l-artikolu 38 tal-Kap. 621 qabel l-emendi tal-Att VI tal-2024.

**Parti deċiżiva**

37. Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, il-qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur